# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru 7**

**Rikors Numru 62/08 PC**

**Michael u Grace konjugi Cassar**

**v.**

**Wenzu Schembri, Gorg Gauci, Yvonne mart John Galea,**
**Marija xebba Schembri, Joseph Schembri, Karmenu Schembri,**
**Joseph Mercieca, Carmen mart Anthony Zammit,**
**Doris mart Joseph Camilleri, Georgina mart John Said,**
**Tonio Schembri, Celestina mart Oliver Sciberras,**
**Ivana mart Francis Mizzi,**
**Carmel Schembri, Gorg Schembri, Georgina Schembri,**
**Joseph Schembri, Emmanuel Schembri, Gorg Schembri,**
**Silvio Schembri, Josephine armla ta' Toni Schembri,**
**u b'digriet tas-16 ta' April, 2008 George Gauci**
**accetta l-bandu sabiex jigi nominat kuratur deputat biex jidher**
**ghall-imsiefra Bernarda Azzopardi; u b'digriet tas-16 ta' April, 2008**
**Joseph Schembri accetta l-bandu sabiex jigi nominat kuratur**
**deputat sabiex jidher ghall-imsiefra Antonia Grech;**
**u b'digriet tas-16 ta' April, 2008 Emanuel Schembri**
**accetta l-bandu sabiex jigi nominat kuratur deputat sabiex jidher**
**ghall-imsiefra Maria Stella sive Stella Schembri**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-atturi appellanti Michael u Grace konjugi Cassar minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fil-5 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-kawza billi filwaqt illi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Ir-rikors guramentat tal-atturi**

**2.** Fir-rikors guramentat taghhom tat-13 ta' Gunju 2008, l-atturi ppremettew:

> "1. Illi l-esponenti huma propretarji ta' porzjoni art imsejha "Ta' Wied Siekel", fil-limiti ta' Fontana, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u tletin metri kwadri (130m2) u tmiss mill-punent ma' trejqa bla isem li tghaqqad Triq tal-Ghajn ma' Triq Wied Siekel, nofsinhar ma' Triq Wied Siekel u tramuntana ma' beni tal-kumpanija Ta' Frenc, Real Estate Company Limited akkwistata in forza ta' tlett kuntratti fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-9 ta' Frar 1996 (Dokument A) ; tat-28 ta' Gunju 1996 (Dokument B), u tas-sittax (16) ta' Settembru 2005 (Dokument C) u liema porzjoni raba hija delinejata bl-ahmar fuq il-pjanta Dokument D;
>
> "2. Illi l-konvenuti huma propretarji ta' porzjoni raba ohra mill-istess territorju "Ta' Wied Siekel", fil-limiti tal-Fontana, Ghawdex u li hija tal-kejl ta' circa sitta u erbghin metri kwadri (46m2) u hi konfinanti min nofsinhar ma' triq pubblika, punent ma' beni tal-mittenti u lvant ma' beni Ta' Frenc Real Estate Company Limited jew is-successuri taghhom fit-titolu u liema porzjoni raba hija delinejata bil-kulur ahdar fuq il-pjanta Document D;

> "3. Illi l-istess konvenuti qieghdin jippretendu illi biex jghaddu ghal din il-porzjoni raba taghhom, deskritta fil-paragrafu precedenti u li mill-punent tmiss ma' tal-istess rikorrenti, huma ghandhom dritt ta' moghdija bir-rigel minn fuq l-ghalqa tal-atturi hawn fuq deskritta mentri fil-fatt huma m'ghandhomx dan id-dritt ghaliex ir-raba taghhom m'huwiex interkjuz u ghandha l-faccata taghha affrontaggjanti trieq pubblika;"

**3.** Ghaldaqstant, l-atturi umilment talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni, provvedimenti u ordni mehtiega u necessarja, joghgobha:

> "1. Tiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhomx dan il-jedd minnhom pretiz
>
> "2. Konsegwentament illi huma jigu interdetti milli jezercitawh.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2008 (Ittra numru: 176/08) u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni."

**<u>Ir-risposta guramentata tal-konvenuti</u>**

**4.** Permezz tar-risposta guramentata taghhom tat-3 ta' Settembru 2008, il-konvenuti eccipew:

> "1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.
>
> "2. Illi l-art tal-esponenti minn dejjem kellha l-access taghha u l-uniku access taghha minn fuq l-art tal-atturi u in effetti minkejja illi tmiss ma' proprjeta` pubblika min-naha tan-nofsinhar, in effetti dik il-proprjeta` pubblika ma hijiex triq fis-sens veru u proprju tal-ligi – izda hija pjuttost wied. Fit-tieni lok, il-passagg li l-fond tal-esponenti igawdi, u kien minn dejjem igawdi minn fuq il-fond tal-atturi huwa wiehed necessarju ghaliex hemm, u minn dejjem kien jezisti, dizlivell qawwi bejn l-art tal-esponenti u d-demanju pubbliku fuq in-

naha tan-nofsinhar illi jaghmilha fizikament impossibbli illi wiehed jaccedi ghal din l-art minn din il-proprjeta` pubblika.

“3. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“4. Illi b’riferenza ghal kull paragrafu guramentat tar-rikors promotur, l-esponenti ghandhom is-segwenti x’jghidu:

“a. L-ewwel paragrafu huwa korrett;

“b. It-tieni paragrafu huwa biss parzjalment korrett ghaliex il-pjanta Dokument D ma turix korrettement l-art rispettiva tal-partijiet; u ghaliex id-demanju pubbliku fuq in-naha tan-nofsinhar ma huwiex triq vera u proprja kif ukoll ghaliex mhux fizikament possibbli illi jigi ezercitat passagg ghar-raba tal-esponenti minn fuq dan id-demanju pubbliku.

“c. It-tielet paragrafu mhux korrett: l-access ghar-raba tal-esponenti minn dejjem kien jigi ezercitat minn fuq l-art illi tigi aktar lejn il-majjistral taghha minn parti segregate illi minn dejjem kienet intiza bhala passagg ghar-raba tal-esponenti u kienet minn dejjem tintuza ghal daqshekk biss u ghal ebda skop iehor.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-digriet tal-ewwel Qorti tat-2 ta’ Dicembru 2008 fejn il-partijiet qablu li kellu jigi nominat perit Tekniku, l-AIC Valerio Schembri, sabiex jirredigi pjanta tal-fondi rispettivi tal-partijiet u tal-fondi attigwi bil-livelli relatati mal-fond jew proprjetajiet jew triqat attigwi, kif ukoll ir-rapport tal-istess perit tekniku li gie pprezentat u mahluf fit-23 ta’ Frar 2011.

**6.** Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti**

**7.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, ghas-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru, 2011 kienu s-segwenti:

> "Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti ma jgawdu ebda servitu` ta' passagg minn fuq ir-raba taghhom indikata fic-citazzjoni, u konsegwentement talbu wkoll li l-konvenuti jkunu inibiti milli jezercitaw access minn fuq din l-art taghhom. M'hemmx dubbju li l-azzjoni ttentata mill-atturi hija l-hekk imsejjha **azzjoni negatorja**, u dan jikkonfermawh l-istess atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.
>
> *-omissis-*
>
> "Fuq il-mertu, mhux kontestat li l-atturi huma l-proprjetarji tar-raba ndikata fic-citazzjoni. Jirrizulta wkoll mill-kopji tal-kuntratti annessi mac-citazzjoni, li l-art ta' l-atturi giet lilhom bis-sahha ta' l-istess atti. Lanqas qed jigi nnegat illi l-konvenuti huma l-proprjetarju ta' l-art adjacenti dik ta' l-atturi, li l-konvenuti jallegaw li tgawdi access minn fuq l-art ta' l-atturi. Jibqa' ghalhekk biss sabiex jigi ppruvat mill-konvenuti illi tassew jezisti dan is-servitu` ta' passagg a favur taghhom minn fuq ir-raba indikata fic-citazzjoni. Kif gie anke konfermat mill-qrati taghna, f'**azzjoni negatorja**: "… *il-piz tal-prova tal-ezistenza ta' dak il-passagg jinkombi fuq il-konvenut*."
>
> "Is-**servitu` ta' passagg** huwa klassifikat fil-ligi u fid-dottrina bhala wiehed apparenti u diskontinwu; apparenti ghax jidher illi terzi jkunu qed jghaddu minn fuq art ta' haddiehor, u diskontinwu ghax dan id-dritt ma jigix ezercitat il-hin kollu. "***La servitu` di passaggio e' discontinuo pei suoi caratteri, e dalla legge e' collocata appunto fra le servitu` discontinue.***" Ghalhekk servitu` bhal dan jista' jigi akkwistat biss bis-sahha ta' titolu. "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu`, sia esso una convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu` prediali.***"
>
> "Fil-kaz in ezami ma giet prodotta ebda prova ta' titolu da parti tal-konvenuti, li minnha jista' jinghad li origina dan l-allegat

servitu` ta' passagg favur taghhom. Anzi l-istess kuntratti msemmija mill-atturi pjuttost jimmilitaw kontra t-tezi li l-konvenuti setghu akkwistaw dan is-servitu` bis-sahha ta' xi titolu. Dan ghaliex fl-ebda wiehed minnhom ma jissemma xejn f'dan ir-rigward.

"Eccezzjonalment pero', servitu` simili jista' jigi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirrizulta illi l-art dominanti hija interkjuza, u din hija d-difiza ewlenija tal-konvenuti, li jippretendu li akkwistaw id-dritt ta' passagg b'dan il-mod. "*L-art tal-esponenti minn dejjem kellha l-access taghha u l-uniku access taghha minn fuq l-art tal-atturi…*" Jirrizulta ampjament mir-relazzjoni tal-perit tekniku u mill-pjanta minnu redatta, illi l-art ipposseduta mill-konvenuti, ghalkemm min-naha tan-nofsinhar tmiss mat-triq / wied, fil-prezent ma' ghandha l-ebda access dirett ghat-triq, billi minn dik in-naha l-art taghhom hija cirkondata b'hajt tas-sejjieh gholi (0.98m) u hemm ukoll dizlivell bejn il-wicc ta' l-ghalqa taghhom u l-istess triq (1.30m). Ghalhekk biex jidhlu fiha huma jridu necessarjament jghaddu minn fuq l-art ta' haddiehor."

**8.** Wara li l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghmel riferenza ghall-insenjament ta' diversi awturi dwar il-materja issoktat bil-konsiderazzjonijiet taghha kif gej:

"Dan kollu jfisser illi:

"(i) biex ikun hemm akkwist ta' passagg bil-preskrizzjoni, l-element essenzjali huwa li l-art li tkun qed takkwista dan id-dritt, tkun interkjuza u ma ghandhiex access ghat-triq minn fuq proprjeta` ohra.

"(ii) il-bzonn ta' access minn fuq l-art ta' haddiehor trid tirrizulta minn cirkostanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' ta' min ikun qed jirreklama dan id-dritt; u

"(iii) proprjetarju ma jistax hu stess johloq sitwazzjoni fejn ikollu bzonn access minn fuq l-art tal-vicin.

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, nsibu lill-konvenuti jallegaw illi l-access ghar-raba taghhom minn dejjem kien minn fuq l-art illum ta' l-atturi. Huma fissru kif, peress li kienu hafna komproprjetarji, ma kienx prattikabbli li din l-art tinhadem minnhom, u ghalhekk bil-kunsens taghhom ghamlet zmien twil tinhadem mill-familja ta' attur. Biex jahdmu z-zewg

ghelieqi dawn kienu jghaddu mill-bieb prezenti, u anke meta xi hadd minnhom (il-konvenuti) kien imur jaqta' xi frott mis-sigar li kien hemm go l-ghalqa taghhom kien jidhol mill-istess bieb. Ghalkemm huwa minnu illi l-ghalqa tal-konvenuti min-naha tan-nofsinhar tmiss mat-triq, jew ahjar parti mill-wied li giet reza accessibbli billi nksiet bil-pavimentar tal-konkos xi zmien ilu, ma jirrizultax illi qatt kien hemm access ghal din l-ghalqa minn din in-naha. Kif gia ntqal, l-ghalqa minn din in-naha hija cirkondata b'hajt tas-sejjieh u izjed minn hekk hemm dizlivell bejn l-ghalqa u t-triq, u jekk ma jsirux ix-xoghlijiet necessarji, kif jindika l-perit tekniku fir-rapport tieghu, mhux possibli li fil-prezent ikun hemm moghdija minn din in-naha. Terga' hadd ma allega li xi darba l-konvenuti, jew il-predecessuri taghhom fit-titolu kienu jghaddu minn din in-naha biex jaccedu ghall-ghalqa taghhom.

"Rigward il-fattur taz-**zmien** mehtieg ghall-akkwist ta' servitu` bhal din bil-preskrizzjoni, ghalkemm l-attur jikkontendi illi qatt ma ra lill-konvenuti jghaddu mill-bieb ta' l-ghalqa tieghu biex jaccedu ghall-ghalqa taghhom, fid-depozizzjoni tieghu jammetti illi: "*Jiena ilni midhla ta' din l-ghalqa li illum hija proprjeta` tieghi madwar tlieta u erbghin (43) sena. Meta kont zghir konna immorru jien u hija Franky nghinu lil Frenc Cassar, li kien jigi z-ziju ta' missieri, Anthony Cassar. Dan Frenc Cassar kien jahdem sewwa r-raba ta' ohtu, Roza Cassar, liema raba hija dik illum proprjeta` tieghi, kif ukoll ir-raba li llum hija proprjeta tal-konvenuti. Meta ghadda z-zmien hija siefer u bdejt nahdem l-ghalqa jien u kien jigi jghini missieri, Anthony Cassar. Jiena ghandi tlieta u hamsin (53) sena u qatt ma rajt f'ghomri lil xi hadd minn tal-familja Schembri, li huma l-atturi, jidhlu go din l-ghalqa. Il-proprjetarju taghha, Toni Schembri, ilu mejjet sebgha u hamsin (57) sena. Meta miet kellu hamsa u tmenin (85) sena. Hu wiret din l-ghalqa fl-1936. Dan ifisser li meta wiritha, hu kellu disgha u sittin (69) sena. Peress illi dan kien ta' eta` avanzata ferm, dan qatt ma interessa ruhu jiehu l-pussess ta' dina ir-raba. Il-pussess ta' dina ir-raba kien f'idejn Frenc Cassar, li jigi z-ziju ta' missieri u sewwa l-porzjoni raba li illum hija proprjeta` tieghi u il-porzjoni raba li llum hija tal-konvenuti, kien jahdimha dan Frenc Cassar.*

"*Nghid illi wara l-mewt ta' Frenc Cassar, jiena bqajt nahdimha r-raba kollhu jiena u cioe dik illum proprjeta` tieghi u dik tal-konvenuti. Qatt hadd mill-werrieta ta' Toni Schembri ma resaq l'hemm ghalkemm dawn kienu jafu li kont qed nahdimha jien…".*

"L-attur, fl-ebda mument ma ta' xi hjiel illi biex jaccedu ghall-ghalqa tal-konvenuti li kienet f'idejnhom ukoll, ghaz-zmien kollu indikat f'din ix-xhieda, huwa jew l-antenati tieghu, kienu jghaddu minn xi access separat. Jirrizulta ampjament

ghalhekk illi l-access ghall-ghalqa tal-konvenuti ilu jigi ezercitat minn fuq l-ghalqa llum ta' l-atturi ghal ferm izjed miz-zmien rikjest mil-ligi.

"L-atturi kkoncentraw hafna mill-energija taghhom f'din il-kawza biex jikkonvincu lill-Qorti li l-konvenuti facilment illum jista' jkollhom access alternattiv direttament mit-triq ghall-ghalqa taghhom, u nfatti l-perit tekniku anke rrelata f'dan ir-rigward. Imma kif tajjeb jirrimarkaw il-konvenuti fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet responsiva taghhom, gialadarba l-atturi ezercitaw l-azzjoni negatorja, u sew il-premessi kif ukoll it-talbiet taghhom jittrattaw biss l-inezistenza ta' servitu` ta' passagg u mhux it-terminazzjoni tieghu ghax m'ghadux mehtieg, il-Qorti trid necessarjament tieqaf hawn. Jekk l-atturi xtaqu li s-servitu` ta' passagg li ghandha l-art tal-konvenuti minn fuq dik taghhom jigi terminat, kellhom jezercitaw l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 449 tal-Kodici civili u mhux l-azzjoni negatorja, haga li pero' m'ghamlux. Din il-Qorti taqbel ghalhekk mal-konvenuti illi kieku kellha tikkonsidra wkoll it-terminazzjoni ta' dan is-servitu` ghar-ragunijiet indikati biss fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi, kienet tmur *ultra petita*. Kif gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell: "*Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssolevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammeno che' non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva 'ex officio'.*"

"Ghaldaqstant, billi rrizulta sodisfacentement illi l-art tal-konvenuti adjacenti ghall-dik ta' l-atturi, kif deskritta fic-citazzjoni, tgawdi dritt ta' passagg minn fuq l-istess ghalqa taghhom, it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu."

## Rikors tal-appell tal-atturi

**9.** L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u b'rikors tat-18 ta' Ottubru 2011 intavolaw l-appell odjern minn dik is-sentenza li bih qeghdin jitolbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata moghtija billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezjonijiet tal-konvenuti,

takkolji t-talbiet tal-atturi, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**10.** L-aggravji tal-atturi appellanti huma s-segwenti:

- **L-Ewwel Aggravju –** L-ewwel Qorti ma setghetx "*marte proprio*" tissoleva l-punt tal-preskrizzjoni meta dan ma gie imqanqal minn ebda eccezzjoni tal-konvenuti;

- **It-Tieni Aggravju** – Bla pregudizzju ghas-suespost, ankorke` dik il-preskrizzjoni giet hekk sollevata, l-ewwel Qorti ma setghetx tassumi li l-konvenuti akkwistaw il-jedd ta' passagg bil-preskrizzjoni minn fuq il-proprjeta` tal-atturi. Skont l-atturi appellanti, sabiex jigi akkwistat servitu` ta' moghdija bil-preskrizzjoni jrid jirrizulta li l-fond ma ghandux hrug iehor fuq triq pubblika apparti li jsostnu li l-konvenuti ma setghu qatt akkwistaw bi preskrizzjoni gjaladarba, kif rizultanti mill-materjal probatorju, l-ghalqa taghhom ma kienetx tintuza jew tinhadem minnhom izda mill-istess attur Michael Cassar u certu Frenc Cassar ghal madwar 43 sena.

- **It-Tielet Aggravju** – L-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tiskanta illi kien isir uzu mill-passagg da parti tal-attur u ta' Frenc Cassar una volta r-raba taghhom kien kontigwu ghal dak tal-konvenuti;

- **Ir-Raba' Aggravju** – Mhuwiex guridikament accettabbli illi fl-assenza ta' difiza formali, l-Qorti tal-ewwel grad taccetta bhala proposizzjoni dak issuggerit lilha fin-nota tal-ssservazzjonijiet tal-konvenuti, u cjoe' illi l-atturi kien

messhom ezercitaw l-azzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 449 tal-Kap. 16.

**Risposta tal-appell tal-konvenuti**

**11.** Permezz tar-risposta tal-appell taghhom tat-18 ta' Novembru 2011 il-konvenuti appellati wiegbu ghall-appell li gie intavolat mill-atturi appellanti, u bih filwaqt li ghamlu piena riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet iddettaljata taghhom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, issottomettew bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad bhala totalment infondat fid-dritt u fil-fatt l-appell intavolat minn Nikol Cutajar (*recte*: Michael u Grace konjugi Cassar), u minflok tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (*recte*: mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali) fid-29 ta' Settembru 2011 (*recte*: fil-5 ta' Ottubru 2011) bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat (*recte*: kontra l-atturi appellanti).[1]

**12.** Fil-qosor, il-konvenuti appellati principalment issottomettew is-segwenti:

- Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata fl-intier taghha, prevja cahda tar-rikors tal-appell.

[1] Hija deplorevoli ghall-ahhar in-non-kuranza ta' min irrediega r-risposta ghall-appell li evidentement irrikorra ghal editjar ta' xi risposta ohra li uzaha bhala mudell minghajr ma ha l-isbriga li jaghmel fiha l-aggustamenti mehtiega.

- Fir-rigward tal-**ewwel aggravju** tal-atturi appellanti l-konvenuti appellati issottomettew illi peress illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellati tghid precizament illi s-servitu` ta' passagg favur ir-raba taghhom kienet tigi ezercitata minn fuq l-art tal-atturi "*minn dejjem*," din l-eccezzjoni ma tistax tfisser ghajr li dan id-dritt ta' passagg minn dejjem kien jigi ezercitat minn fuq l-art tal-atturi u ghalhekk dan is-servitu` gie akkwistat bis-sahha tal-preskrizzjoni immemorjali. Skont l-istess konvenuti appellati l-provi kollha migjuba 'l quddiem minnhom matul il-kawza kienu kollha intizi sabiex juru l-ezercizzju ta' dan id-dritt ta' passagg minn zmien immemorjali u l-interkjuzura tal-fond proprjeta` taghhom. Huma jzidu illi l-ligi ma tirrekjedix li huma jiccitaw l-artikolu tal-ligi li jistabbilixxi din il-preskrizzjoni fic-cirkostanzi taghhom. Fi kwalunkwe kaz, peress illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem ukoll fi stadju ta' appell, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti appellati ipprezentaw, kontestwalment mar-risposta taghhom rikors b'talba sabiex din il-Qorti tippermettilhom jissolevaw din l-eccezzjoni formalment.

- Fir-rigward tat-**tieni aggravju** tal-atturi appellanti, il-konvenuti appellati jargumentaw illi jekk fond imiss ma' triq pubblika izda bejnu u bejn it-triq hemm dizlivell tant qawwi li mill-fond innifsu ghat-triq ma jkunx hemm hrug, id-dritt ghal moghdija minn fuq proprjeta` ohra vicina jista' jigi akkwistat bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Il-konvenuti jsostnu li l-art taghhom m'ghandha l-ebda mezz ta' access, ebda "*hrug*" ghat-triq pubblika, li l-art taghhom hija iccirkondata minn kull banda fejn hija tmiss ma' proprjeta` pubblika b'hitan tas-sejjiegh gholja li ma jippermettux access minn

naha ghal ohra, li dan l-istat ta' fatt ilu fis-sehh sa mill-inqas is-sena 1936, u li tul dan iz-zmien kollu l-access ghar-raba tal-esponenti kien dejjem jigi ezercitat pubblikament, pacifikament, b'mod mhux interrott u mhux ambigwu minn fuq l-art tal-atturi li tikkonfina mar-raba taghhom mill-genb oppost ghall-proprjeta` pubblika. Inoltre jsostnu li skont l-Artikolu 524(2) tal-Kap. 16 persuna tista' tezercita l-pussess fuq hwejjigha kemm hija personalment kif ukoll permezz ta' haddiehor li jiddetjeni l-proprjeta` f'isimha u skont il-konvenuti appellati l-attur kien jiddetjeni l-proprjeta` f'isem il-konvenuti.

- Fir-rigward tat-**tielet aggravju** tal-atturi appellanti, il-konvenuti appellati jsostnu illi matul iz-zmien necessarju sabiex avverat ruhha l-preskrizzjoni favur il-konvenuti appellati, l-ghalqa servjenti ma kinitx proprjeta` tal-attur. Ghaldaqstant huma jargumentaw illi meta mill-inqas 31 sena qabel l-1996 l-attur kien jghaddi minn fuq l-art li llum hija tieghu huwa dak iz-zmien kien qed jghaddi minn fuq proprjeta` ta' terzi persuni. Skont il-konvenuti appellati, it-tielet aggravju tal-appellanti ghalhekk ma hux sostnut mill-provi akkwiziti fil-process. Il-konvenuti appellati jzidu illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, jista' jitqies li r-raba servjenti kienet matul iz-zmien kollu li matulu l-attur, u qablu Frenc Cassar, proprjeta` tal-istess persuna li kienet tokkupa l-art tal-konvenuti, dan l-element iservi biex isahhah u mhux jannjenta l-elementi kollha li jservu ta' bazi ghall-akkwist tad-dritt ta' moghdija bis-sahha tal-preskrizzjoni.

- Fir-rigward tar-**raba' aggravju** li ressqu l-atturi appellanti, il-konvenuti appellati jghidu illi dan l-aggravju huwa biss ir-

rizultat ta' qari hazin tal-kontenut tal-parti rilevanti tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Huma jsostnu li ma ghandhom l-ebda interess jissuggerixxu lill-atturi li huma messhom ezercitaw l-azzjoni abbazi tal-Artikolu 449 izda li dak li qeghdin jghidu huwa li l-azzjoni ezercitata mill-atturi hija l-azzjoni negatorja li hija kompletament differenti u tistrieh fuq premessi fattwali u legali differenti mill-azzjoni taht l-Artikolu 449 tal-Kodici Civili mentri l-maggor parti tal-ezercizzju mwettaq mill-atturi, kemm quddiem il-perit tekniku kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jistghu eventwalment jakkwistaw certa rilevanza f'kawza bbazata fuq l-Artikolu 449 imma certament huma irrelevanti f'kuntest ta' azzjoni negatorja. Ghaldaqstant, il-principji tal-*ultra petita* u *extra petita* kienu jipprekludu lill-ewwel Qorti milli tiehu in konsiderazzjoni elementi fattwali u legali ohra ghajr dawk applikabbli ghall-kawza negatorja intentata mill-atturi u konsegwentement l-ewwel Qorti kienet kompletament in regola meta iddecidiet li ghandha tiskarta l-provi u s-sottomissjonijiet kollha marbuta ma' jew rilevanti ghal kawza fit-termini tal-Artikolu 449 tal-Kodici Civili.

**<u>Rikorsi tal-konvenuti appellati tat-18 ta' Novembru 2011</u>**

**13.** Permezz ta' rikors tat-18 ta' Novembru 2011, il-konvenuti appellati ghamlu referenza ghall-ewwel aggravju tal-atturi appellanti u rrilevaw li t-tieni eccezzjoni taghhom kienet precizament fis-sens li s-servitu` ta' passagg favur ir-raba taghhom kienet tigi ezercitata minn fuq l-art tal-atturi "*minn dejjem.*" u din l-eccezzjoni ma tistax tfisser ghajr li dan id-dritt ta' passagg minn dejjem kien jigi ezercitat minn fuq l-art tal-

atturi u ghalhekk din is-servitu` giet akkwistata bis-sahha tal-preskrizzjoni immemorjali. Bdanakollu, sabiex jaccertaw ruhhom li din l-eccezzjoni tittiehed in debita konsiderazzjoni minn din il-Qorti l-konvenuti appellati talbu lill-Qorti tippermettihom jissollevaw din l-eccezzjoni formalment u li r-risposta in kwistjoni tigi inserita fl-atti tal-kawza.

**14.** Il-konvenuti appellati intavolaw rikors iehor quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Novembru 2011 fejn huma ikkjarifikaw illi huma akkwistaw id-dritt ta' passagg minn fuq ir-raba tal-atturi bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva ikkontemplata fl-Artikolu 469 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Risposta tal-atturi appellanti ghaz-zewg rikorsi tat-18 ta' Novembru 2011 tal-konvenuti appellati**

**15.** Permezz tar-risposta taghhom tat-13 ta' Frar 2012 l-atturi appellanti jissottomettu illi t-talba tal-konvenuti appellati taht l-apparenza ta' suppost kjarifika tat-tieni eccezzjoni taghhom mhiex hlief tentattiv anti-guridiku biex jintroducu tema gdida f'dan l-istadju tal-appell, u dan bl-isperanza li jistronkaw qabel id-dibattitu gudizzjarju l-aggravju sottomess mill-appellanti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex il-fakolta` tqajjem "*marte proprio*" l-akkwizizzjoni tad-dritt ta' passagg bil-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 469 tal-Kodici Civili.

**16.** Skont l-atturi appellanti, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti anqas remotement ma kienet qeghdha tikkontempla l-Artikolu 469, izda se mai l-Artikolu 447 relattiv ghall-passagg necessarju. L-atturi appellanti jghidu illi dan tant huwa hekk illi sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fil-prim' istanza l-konvenuti jiccensuraw lill-aturi billi jsostnu li l-atturi kien messhom applikaw ghall-fattispeci l-Artikolu 449 tal-Kodici Civili.

**17.** L-atturi appellanti ghamlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ottubru 1921 fl-ismijiet **Giovanni Sammut et v. Paolo Sammut et** fejn il-Qorti ghamlet distinzjoni markata bejn l-Artikolu 447 u l-Artikolu 469 (2), li mieghu issa qeghdin jittantaw jiggranfaw il-konvenuti appellati.

**18.** Finalment l-atturi appellanti jsostnu li l-konvenuti appellati u ma jistghux jippretendu li jibdlu l-linja ta' difiza biex igibuha qrib dik tal-ewwel Qorti li "*sua sponte*" arginat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq id-dispost tal-Artikolu 469(2), meta dan fl-ebda waqt tal-*iter* tal-kawza ma kien invokat mill-istess konvenuti u ghaldaqstant l-atturi appellanti sostnew li t-talba tal-konvenuti appellati ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**<u>Verbal tas-6 ta' Marzu 2012</u>**

**19.** Fis-6 ta' Marzu 2012 din il-Qorti irriservat illi tipprovdi dwar ir-rikorsi intavolati mill-konvenuti appellati tat-18 ta' Novembru 2011 fl-udjenza wara li tisma' lill-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji*

**20.** Kif pacifikament akkolt f'bosta decizjonijiet:

> "*il-Qorti ma tistax 'ex officio' taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha.*"[2]

**21.** Jinghad ukoll illi l-proposta generika tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti interessata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jidentifika liema wahda mill-varji ipotesijiet postulati mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi respinta. Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-

[2] Vol XXXIII.i.481; Vol XXIV.i. 410; Vol Xl.i. 170; "<u>Francis Bugeja nomine – vs- Indria Mercieca</u>", Q. App. 29 ta' Mejju 2000; Q. App. Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v Oil and Construction International Limited., 28/4/2004; Q. App. Joseph Cassar pro et noe v Sunny Muscat eet, 28/4/2004; PA Maltacom plc. gia Korporazzjoni Telemalta v Salina Co. Ltd., 30/11/2004; PA Donald Manche noe. v Joseph Said, 28/6/2003 u l-kazijiet fiha citati;

gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.[3]

**22.** Il-konvenuti appellati jargumentaw illi huma ressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bil-mod kif tirrekjedi l-ligi u dan principalment minhabba l-fatt li fil-process huma diversi drabi ikkonfermaw li r-raba taghhom *minn dejjem* kellu l-uniku access tieghu minn fuq l-art tal-atturi appellanti[4] u jsostnu li peress li l-fond huwa interkjuz is-servitu` ta' passagg inkiseb bil-preskrizzjoni tenut tal-fatt li l-passagg in kwistjoni ilu jezisti minn zmien immemorjali.[5]

**23.** Fid-dawl tal-premess jirrizulta li l-konvenuti appellati ma ssollevawx formalment u b'mod car u specifiku *per via di* eccezzjoni l-preskrizzjoni kif jissanzjona l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili izda ghamlu referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni principalment fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (pagni 4 u 5 tal-istess nota). Barra minn hekk, fl-istess nota tas-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti appellati naqsu milli jindikaw l-artikolu relevanti tal-ligi li fuqu kienu qeghdin iserrhu l-pretensjoni taghhom tal-preskrizzjoni, rekwizit illi kif gie diversament stabbilit mill-gurisprudenza, huwa necessarju sabiex eccezzjoni bhal din tigi sollevata b'success.[6]

---

[3] Ara *inter alia* Q. App. Anthony Camilleri v Pawlu Farrugia et, 31/10/2008
[4] Ara r-risposta guramentata tal-konvenuti fol. 41-42; ara wkoll ix-xiehda ta' George Gauci a fol. 217 u ta' Joseph Mercieca a fol. 219
[5] Ara pagna 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tal-10 ta' Awwissu 2011
[6] Q. App Emmanuele Busuttil v Franceso Mercieca, 15/4/1950

**24.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ssollevat *ex officio* l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva.[7]

**25.** Dan premess, izda, ma hemmx dubbju illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata anke fl-istadju tal-appell.[8]

**26.** F'din l-istanza l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti appellati giet inkwadrata minnhom fid-dispost tal-Artikolu 469 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (bi zvista l-konvenuti appellati ghamlu referenza ghall-Artikolu 469 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)[9] li jipprovdi s-segwenti:

> "***469.*** *(1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistghu biss jigu stabbiliti b'sahha ta' titolu; huma ma jistghux jigu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' zewg fondi.*
>
> *(2) B'danakollu, is-servitu` ta' moghdija ghall-uzu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux hrug iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitu` ohra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ga miksuba taht ligijiet ta' qabel, ma tistax tigi attakkata.*"

**27.** Ghalhekk, sabiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva ibbazata fuq l-Artikolu 469(2) tal-Kodici Civili tkun invokata b'success ghandu jigi ppruvat li:

- Ir-raba tal-konvenuti appellati m'ghandux hrug iehor fuq triq pubblika; u

---

[7] Ara Q. App. Cali v Galea, Vol. XL-i-165
[8] Art. 2112 tal-Kodici Civili; Q. App. Paul Balzan noe. v John A. Scicluna noe., 3/12/1999; Q. App. Korporazzjoi ghas-Servizzi tal-Ilma v Joseph Quattromani, 19/5/2004
[9] Ara fol 22 tal-process tal-Qorti tal-Appell.

- Li l-konvenuti appellati kellhom il-pussess legittimu ta' dritt ta' moghdija fis-sens li kienu jezercitaw dak id-dritt biex ikollhom access ghar-raba taghhom ghal mill-inqas tletin sena.

**28.** L-elementi kumulattivi tal-pussess civili ghall-ghanijiet tal-preskrizzjoni akkwizittiva f'dan jikkonsistu f'dak materjali, jigifieri l-poter ta' fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, jigifieri l-*animu* tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien il-proprjetarju taghha. Dan il-pussess, b'ligi, ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku[10]. Dan ifisser mela li ma jikkostitwixxix pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew iehor minn dawn iz-zewg elementi. Fi kliem iehor, mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha li ma tkunx ezercitata bhala haga proprja imma biss bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun merament detenzjoni jew tgawdija prekarja.[11]

**29.** Filwaqt li fil-preskrizzjoni estintiva l-eccepjent huwa tenut jipprova biss il-perkors taz-zmien statutorju applikabbli u mbaghad ikun jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih din il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni; fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva, din tirrikjedi l-prova mhux biss tal-perkors taz-

[10] Q. App. Carmelo Caruana et v Orsla Vella, 13/3/1953, XXXVII.i.105
[11] Q. App. Nazzareno Fenech v Mada Developers Limited et, 16/12/2004, #11

zmien stabbilit mil-ligi, imma wkoll tal-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu pruvati biex din l-eccezzjoni tirnexxi.[12]

**30.** Minbarra dan, sabiex din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tkun tista' tintlaqa' jehtieg li jkollha rabta konkreta u serja mal-provi akkwiziti. Wiehed mill-elementi li jridu jipprovaw il-konvenuti hu li r-raba taghhom ma kellux access ghat-triq pubblika. Essenzjalment il-kwestjoni hi wahda ta' fatt li tiddependi mill-apprezzament tal-provi. Apprezzament dan li jehtieg li jsir minn din il-Qorti gialadarba l-eccezzjoni giet sollevata f'dan l-istadju u mhux ukoll quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

**31.** Mill-provi prodotti, din il-Qorti hi tal-fehma illi irrizulta b'mod car illi r-raba tal-konvenuti appellati ghandha hrug iehor fuq triq pubblika. Dan il-fatt gie ikkonfermat principalment mill-Perit Tekniku Valerio Schembri, mis-Sindku tal-Fontana Mr. Saviour Borg, mill-Perit Angelo Portelli kif ukoll minn dokumenti esebiti fil-process.

**32.** Fir-relazzjoni li tinsab a fol. 110 tal-process il-Perit tekniku Valerio Schembri irrelata s-segwenti:

> "*03* *Ma hemmx dubju illi d-dokumenti ufficjali jindikaw illi parti li tmiss maghha l-faccata tal-art tal-konvenuti u cioe l-post fejn qed jipproponu li jsir l-access il-gdid l-atturi hija triq pubblika msejjha Triq Wied Siekel*."

---

[12] P.A. Joseph Aquilina et v Sunny Homes Limited et, 5/10/2004

**33.** Hekk ukoll Saviour Borg, li jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Fontana u li ilu Sindku ghal ghaxar snin,[13] bil-gurament tieghu jghid:

> "*Sa sena u nofs ilu kienet imharrbta u kien jghaddi l-ilma minnu. Jien ghaliha meta kien trab u gebel kien parti* ***mit-triq****. Nesebixxi faxxiklu documenti li ghandu f'idejh il-Kunsill. Nesebih Dok SB 250401.*"[14]

**34.** Il-fatt li "*Triq Wied Siekel*" jikkostitwixxi triq u mhux wied huwa wkoll rifless a fols. 156, 157, 158 u 159 tal-process.

**35.** Fix-xhieda tieghu moghtija fit-30 ta' Lulju 2009[15] il-Perit Angelo Portelli prodott mill-atturi appellanti ukoll qal is-segwenti:

> "*L-art tal-partijiet hija within scheme u z-zewg porzjonijiet jaghtu ghal Triq Wied Siekel, Fontana. It-tnejn ghandhom faccata ghal fuq it-triq u jekk inehhu l-hajt tas-sejjieh u jkollhom access dirett.*" (sottolinear tal-Qorti)

**36.** Gia` gie ritenut li jekk ghalqa ghanda access ghal triq pubblika l-fatt li l-istess access ma jkunx daqstant komdu ma jaghtix lok ghad-dritt ta' passagg necessarju.[16]

**37.** Ghaldaqstant, l-argumenti li ressqu l-konvenuti appellati illi huma ghandhom dritt ta' moghdija minn fuq ir-raba tal-atturi appellanti minhabba l-fatt illi nkella l-konvenuti appellati jkollhom jahlu fuq 210 pied

---

[13] Fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru 1993 u Marzu 1996 u fil-perjodu bejn April 2002 u Marzu 2005 Saviour Borg ma kienx jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Fontana.
[14] fol. 137
[15] Fol. 212-213
[16] Q. App. Anthony Camilleri v Pawlu Farrugia et, 31/10/2008

kwadru minn 495 pied kwadru tar-raba taghhom,[17] minhabba l-fatt illi access alternattiv ma jkunx komdu ghalihom,[18] minhabba l-fatt illi jkollhom jiehdu nofs l-ghalqa biex jaghmlu rampa[19] jew minhabba li b'access alternattiv "*necessarjament trid titharbat parti sostanzjali mill-ghalqa tal-esponenti*"[20] m'ghandhom l-ebda rilevanza ghall-kawza tal-lum.

**38.** Minbarra dan, minkejja illi fuq bazi ta' probabbilitajiet l-access ghar-raba tal-konvenuti appellati kien minn dejjem minn fuq l-art illum tal-atturi appellanti, l-provi li gew prodotti mill-konvenuti appellati ma juru bl-ebda mod li l-*animu* tal-istess konvenuti appellati kien li jakkwistaw id-dritt ta' servitu` fuq dak il-passagg bhal li kieku huma l-proprjetarji taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuti appellati ma rnexxielhomx iressqu provi li jirriflettu li huma kienu qed jghaddu minn fuq ir-raba tal-atturi appellanti sabiex jaccessaw ir-raba taghhom bl-intenzjoni li jakkwistaw dritt ta' passagg fuq ir-raba imsemmi. Il-prova rikjesta mil-ligi u li kienet tispetta lill-konvenuti appellati konsegwentement ma tirrizultax.

**39.** Kif tajjeb irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fil-5 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Joseph Aquilina et v. Sunny Homes Limited et**:

---

[17] Ara fol 217 tal-process.
[18] Ara fol 227 tal-process.
[19] Ara fols 227, 230 u 231 tal-process.
[20] Ara pagna 8 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti appellati.

> "… *min jidditjeni f'titolu prekarju ikun qed jidditjeni f'isem il-pussessur u "a person is not a possessor if he holds things in the name of another person; such thing is possessed by the person in whose name it is held. Consequently only the person in whose name a thing is held or who possesses the thing as his own may prescribe". Rilevanti wkoll li jigi annotat li skond l-Artikolu 2118 dawk li jzommu f'isem haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infushom, jghaddi kemm jghaddi zmien. Dawn jinkludu l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infushom, uti dominus. Ghax "mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja" [App. Civ. Victor Chetcuti vs Michael Xerri].*"

**40.** Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji li ressqu l-atturi appellanti huma gustifikati u qed jigu milqugha.

*Ir-raba' aggravju*

**41.** Fir-rigward tar-raba' aggravju li ressqu l-atturi appellanti, din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-ewwel Qorti u lanqas ma taqbel mal-argumenti li gew imressqin mill-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell taghhom.

**42.** L-azzjoni li giet intavolata mill-atturi appellanti hija indubbjament l-*actio negatoria*. Dan jikkonfermawh l-istess atturi appellanti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom[21].

**43.** Kif jghid il-**Laurent**,

[21] Ara pagna 2 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi appellanti.

> "*l'azione negatoria e' altresi una azione reale che il proprietario di un fondo promuove contro colui che vi si attribuisce senza diritto qualche servitu`, e con cui chiede che il suo fondo sia dichiarato libero di questo servitu` e che sia inibito al convenuto di usarne.*"

**44.** L-elementi li jridu jigu ipprovati sabiex din l-azzjoni tigi intavolata b'success huma essenzjalment tlieta:

i. Illi l-atturi appellanti huma s-sidien tal-proprjeta`, u ghalhekk ghandhom favur taghhom il-prezunzjoni li l-proprjeta` hija hielsa minn kull servitu`. Il-piz tal-prova tal-ezistenza ta' servitu` fuq il-fond tal-atturi appellanti ghalhekk taqa' fuq il-konvenuti appellati;

ii. Illi l-konvenuti appellati ghamlu "*molestija ta' dritt*" billi ezercitaw jedd ta' servitu` fuq il-proprjeta` tal-atturi appellanti; u

iii. Illi lill-konvenuti appellati ma rnexxielhomx juru illi fil-fatt ghandhom bi dritt dik is-servitu.

**45.** L-ewwel element – illi l-atturi appellanti huma s-sidien tal-proprjeta` – gie deciz fis-sentenza appellata.[22] Minn din il-parti tas-sentenza appellata ma sar ebda appell, lanqas incidentali, u ghalhekk din il-parti tad-decizjoni appellata hija finali bejn il-partijiet.

**46.** It-tieni element ukoll jirrizulta. Ma huwiex kontestat illi l-konvenuti appellati qeghdin jippretendu li tassew jezisti servitu` ta' passagg a favur taghhom minn fuq ir-raba tal-atturi appellanti.

[22] Barra minn hekk jirrizulta mill-kopji tal-kuntratti annessi mar-rikors guramentat li l-art ta' l-atturi appellanti giet lilhom bis-sahha ta' l-istess atti.

**47.** Billi s-sid ghandu favur tieghu l-prezunzjoni illi l-proprjeta` tieghu hija hielsa minn kull servitu`, huwa fuq il-konvenuti appellati l-oneru li juru illi tassew illi l-proprjeta` taghhom tgawdi din is-servitu`. Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Anthony Camilleri v. Pawlu Farrugia et**:

> "*Is-servitu` ma tistax tigi prezunta u jehtigilha tigi pruvata; u f'kaz ta' dubbju ghandha tigi eskluza. Dan jghodd aktar fil-kaz ta' servitu` ta' passagg li bhala servitu` diskontinwa ghandha normalment tigi pruvata permezz ta' titolu (ara sentenza Sant vs Bugeja PA 12/2/1959 Vol XL111 p 2 p 627).*"

**48.** Konsegwentement, dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk il-konvenuti appellati rnexxielhomx jghelbu dan l-oneru.

**49.** Is-servitu` ta' moghdija hija wahda mhux kontinwa u ghalhekk ghandha normalment tigi provata permezz ta' titolu. Ma tistax tinholoq bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' zewg fondi, sakemm ma tkunx ghall-uzu ta' fond li ma jkollux hrug iehor fuq it-triq pubblika, ghax f'dak il-kaz tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena. Il-Qorti gia` sabet li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li akkwistaw is-servitu` minnhom vantat bil-preskrizzjoni trentennali.

**50.** Lanqas ma hemm prova illi l-konvenuti appellati ghandhom xi titolu minn fuq ir-raba tal-atturi appellanti. Anzi, kif irriteniet l-ewwel Qorti "*l-istess kuntratti msemmija mill-atturi pjuttost jimmilitaw kontra t-tezi li l-konvenuti setghu akkwistaw dan is-servitu` bis-sahha ta' xi titolu.*

*Dan ghaliex fl-ebda wiehed minnhom ma jissemma' xejn f'dan ir-rigward*".[23]

**51.** Din il-Qorti lanqas ma taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti fejn irriteniet illi gialadarba l-atturi appellanti ezercitaw l-azzjoni negatorja huma "*jittrattaw biss l-inezistenza ta' servitu` ta' passagg u mhux it-terminazzjoni tieghu ghax m'ghadux mehtieg*".[24] Di fatti, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet **Carmel u Deborah mizzewgin Schembri v. Anthony Pace et** din il-Qorti irriteniet illi:

> "*… l-ghan wahdieni tal-actio negatoria huwa dak li jikseb dikjarazzjoni li l-gid tal-attur mhux suggett ghal servitu` favur gid ta' haddiehor, u li jitnehha dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija hielsa minn kull servitu`. Meta, fl-azzjoni negatorja, wiehed jghid li fond m'huwiex suggett ghal servitu`, dan jista' jinkludi kemm il-kaz fejn tali fond qatt ma kien suggett ghal servitu` jew il-kaz fejn fl-imghoddi kien hemm servitu` li ma tkunx ghadha tezisti, ghal xi wiehed mill-modi mahsuba fil-ligi.*"[25]

**52.** Inoltre, jghidu sewwa l-atturi appellanti li ma hux guridikament korrett li l-ewwel Qorti taccetta dak suggerit mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom meta dan messu sar b'eccezzjoni formali.

## <u>Decide</u>

**53.** Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi appellanti, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti fir-rikors guramentat

[23] Ara pagna 7 tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti.
[24] Ara pagna 11 tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti.
[25] Ara wkoll PA Carmelo Vassallo v Philip Vassallo et, 22/2/2011; PA Ruggier Holdings Company Limited v Joseph Vella et, 29/10/2009

taghhom tat-13 ta' Gunju 2008 u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuti appellati m'ghandhomx il-jedd minnhom pretiz u li huma interdetti milli jezercitawh;

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df